**MNUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

Id-Disa' Leġislatura

**Laqgħa Numru Wieħed (1)**

**3 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsabfi Triq it-Tiġrija. Il-laqgħa bdiet fis-6.02pm ta' filgħaxija

**PREŻENTI:**

**Victor John Curmi- Kunsillier**

**Dr Francienne Muscat- Kunsilliera**

**Dr Kevin Cutajar- Kunsillier**

**Marion Rita Portelli- Kunsilliera**

**Dr Christian Zammit- Kunsillier**

**Leanne Micallef- Kunsilliera**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Aaron Agius- Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marion Attard – Segretarju Eżekuttiv



VC MA

Is-Segretarju infurmat lil membri li l-Kunsillier Aaron Agius kien indispost minħabba mpenji oħra.

## 1.1 Aċċettazjoni tal-kariga tas-Sindku

1.1.1 Il-laqgħa tmexxiet minn Dr Christian Zammit hekk kif dan hu l-aktar Kunsillier anzjan li konitnwament serva fil-kariga u li jappartjeni lil dak il-partit li fl-aħħar elezzjoni eleġġew il-maġġoranza tal-kunsilliera.

1.1.2 Il-Kunsillier Dr Christian Zammit spjega li l-Kunsillier Victor Curmi kien dak il-Kunsillier li ġab l-akbar ammont ta' voti mill-partit li kiseb il-maġġoranza ta' siġġijiet u għalhekk demokratikament il-Kunsillier li ghandu jokkupa l-kariga ta' Sindku. Il-Kunsillier Victor Curmi aċċetta din il-kariga fil-preżenza tal-Kunsilliera eletti preżenti u ffirma l-aċċettazjoni ta' din il-kariga.

1.1.3 Is-Sindku Victor Curmi għamel diskors qasir fejn spjega li bil-kooperazzjoni tal-Kunsilliera jemmen li l-Kunsill jista' jkompli jaħdem u wieħed jara Xagħra aħjar milli hi. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-insinja flimkien mal-badge lis-Sindku.

1.1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv stiednet lis-Sindku u l-Kunsilliera eletti sabiex fil-5 ta' Lulju 2024 jattendu għaċ-ċerimonja tal-għoti ta' Guramenti tas-Sindku u Viċi-Sindku fid-Ditch taċ-Ċitadella, Għawdex fis-6.00pm.

## 1.1.1 Ħatra ta' Viċi-Sindku

1.2.1 Il-Kunsillier Dr Christian Zammit spjega li peress li s-Sur Aaron Agius kien indispost, fuq parir tad-Direttur Ġenerali stess, kellu jiġu kkomunikat bil-miktub lis-Sur Agius jekk kienx qed jaċċetta l-kariga tal-Viċu Sindku. Il-membr tal-Kunsill preżenti qablu li risposta bil-miktub jekk hux qed jaċċetta din il-kariga kellha tasal il-Kunsill sal-Ġimgħa 5 ta' Lulju 2024 f'nofsinhar.



VC mca

### 1.3 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss.

1.3.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.20pm. Il-Kunsilliera unanimament qablu li laqgħa b'urġenza għandha ssir nhar is-Sibt 6 ta' Lulju fit-8.30am biex jiġu diskussi punti għal diskussjoni mal-Ministru t'Għawdex. Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet skedata għal-15 ta' Lulju fil-5.30pm.

Konfermati illum 18/07/2024

**Victor John Curmi**
**Sindku**

**Marion Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**